MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2008

Numru. 1029/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J. Farrugia)**

**Vs**

**Carmel Sciberras ta’ 52 sena, imwieled Valletta, nhar it-02 ta’ Frar, 195, bin Carmel u Josephine nee Spiteri u residenti Flat Nru. 02, Triq il-Marlozz, Mellieha, detentur tal-Karta ta’ l-Identita` Nru. 015315(M).**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Carmel Sciberras u cioe talli gewwa numru ‘12’, Triq iz-Zellieqa, il-Gharghur, f’Birkirkara u f’bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer Maltin nhar it-02 t’Ottubru, 2007;

(i) ghamel ingurji u thedid ***bil-mewt*** lil martu Maria Sciberras, u lil ibnu Yevegene Joseph Sciberras, liema ingurji u thedid mhux imsemmijin band'ohra f'dan il-Kodici jew jekk kien provokat ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti ta' provokazzjoni;

(ii) ghamel hsara volontarja f'diversi oggetti gewwa il-fond numru 12, fi Triq iz-Zellieqa, Gharghur liema hsara hija aktar minn ***hamsin Lira Maltin izda anqas minn hames mitt Lira Maltin (LM500)*** ghad-detriment ta' Maria Sciberras li ghandha numru tal-I.D. 024756(M) u Yevegene Joseph Sciberras ta' numru tal-I.D. 43748(M).

(iii) bl-imgieba tieghu ikkaguna lil martu Maria Sciberras u lil ibnu Yevegene Joseph Sciberras, biza li ser tintuza vjolenza kontrihom, meta hu kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imgieba tieghu se tikkagunalhom biza.

(iv) Gab ruhu b'mod li ta fastidju lil martu Maria Sciberras u lil ibnu Yevegene Joseph Sciberras, b'mod li jkun jaf jew kien imissu jkun jaf li dan kien ta' fastidju ghal persuna ta' Maria Sciberras.

(v) Volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat

Rat id-dokumenti esebit;

Semghet il-provi;

Semghet l-ammisjoni maghmulha mill-imputat ghat-tielet akkuza migjuba fil-konfront tieghu liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-Qorti tghatu zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Rat illi l-parte leza u binha ghazlu li ma jixhdux f'dawn il-proceduri;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-verbal tas-seduta tal-lum il-Qorti ma tistghax hlief issib lill-imputat hati tat-tielet akkuza filwaqt li tilliberah mill-kumplament minhabba nuqqqas ta’ provi.

Illi dwar il-piena l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat u martu lahqu ftehim u isseparaw bonarjament u l-imputat iddispjacieh ghal dak illi ghamel f’mument ta’ rabja..

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta filwaqt li ssib lill-imputat hati tat-tielet akkuza tilliberah mill-kumplament, u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’aplikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta’ dina s-sentenza.

Finalment b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 il-Qorti qed torbot lill-hati sabiex bl-ebda mod ma jimmolesta lil martu u lill-ibnu Yevegeni u dan taht penali ta’ elf mija u hamsa u sittin (€1165) dan ghal zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------